**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Dicembru 2023**

Rikors Numru: 389/23 AL

A B C

vs

D C

(M.R. Numru 722/1996)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta u disghin (1996) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ li ghandu numru 625/1996 hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".

Illi l-partijiet ilhom separati mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-nutar Vanessa Bonnici; anness Dokument B

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant r-rikorrenti umilent titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996)

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill- istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

3. Tawtorizza lil- esponenti-sabiex tirriverti ghal kunjomha ta xebba u cioe G;

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jikkonferma :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar 1-24 ta' Mejju 1996 u minn dan iz-zwieg tnisslu zewgt itfal u ċioé E C li twieldet nhar il-25 ta' Marzu 1998 kif ukoll F C li twieled nhar il-21 t'April 2001 li llum il-gurnata huma Ikoll maggorrenni;

2. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 28 ta Lulju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Bonnici;

3. Illi l-esponent jikkonferma li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;

4. Illi l-esponent jiddikjara li l-partijiet qeghdin jghixu hajja totalment separata u ghaldaqstant ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni:

5. Illi ma' dan ir-rikors qed jigi anness l-affidavit tal-esponent, liema dokument qed jigi mmarkat bhala Dok. A;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent mhux qed joggezzjona ghat-talba tar-rikorrent ghall-ottjeniment ta' divorzju.

U dan taht dawk N-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Lulju, 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "Gatt". Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jieħu l-passi kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Lulju 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "G", qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna

lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.